# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 25 ta' Novembru 2016**

**Numru: 3**

**Rikors Numru: 481/11 MCH**

**Philip Bonello u martu Mary Bonello**

**v.**

**Gaetano Tabone u Maria Dolores Tabone**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat fit-13 ta' Mejju, 2011, li permezz tieghu gie premess:

"1. Illi huma proprjetarji ta' garage li jinsab numru hamsa u erbghin (45) 'Clivia' Triq il-Marlozz, fil-kontrada 'Tas-Sellum il-Grieden' fil-Mellieha skont kuntratt ta' akkwist tal-hamsa u ghoxrin ta' April tas-sena elfejn u wiehed (25.4.2001) atti Nutar Dottor Anthony Abela li kopja tieghu hija hawn annessa u markata Dok A.

"2. Illi tali garage skont l-istess kuntratt igawdi s-servitu ta' tieqa ta' wiesa' ta' erba' (4) piedi cioe ta' wiehed punt tnejn tnejn metri (1.22m) u bil-gholi ta' hames (5) filati, fuq il-bitha retroposta ghall-istess garage proprjeta ta' terz.

"3. Illi l-intimati imbarraw din it-tieqa li taghti ghal garage tar-rikorrenti minghajr il-kunsens tal-istess rikorrenti.

"4. Illi ghalkemm interpellati permezz ta' protest sabiex immedjatament ihottu dak li jaghmlu mat-tieqa u cioe li jergghu jirrenduha tieqa kif kienet qabel il-konvenuti baqghu inadempjenti.

"Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:

"a. Prevja d-dikjarazzjoni li l-istess konvenuti abusivament ghalqu l-imsemmija tieqa b'mod li qed icahdu lill-atturi rikorrenti dritt ta' servitu li l-proprjeta taghhom tgawdi fuq il-proprjeta tal-istess konvenuti, li l-konvenuti jigi kkundannati biex jergghu jifthu t-tieqa fuq imsemmija li hemm imbarrata b'mod li l-istess atturi jigu pjenament reintegrati fid-drittijiet taghhom fi zmien qasir u perentorju li din il-Qorti joghgobha tipprefiggi a spejjez tal-istess konvenuti intimati u dan occorrendo taht id-direzzjoni ta' periti nominandi u spejjez tal-istess konvenuti intimati;

"b. U fil-kaz li l-intimati konvenuti jonqsu li jaghmlu dan fiz-zmien lilhom prefiss, l-istess atturi rikorrenti jigu awtorizzati jifthu l-imsemmija tieqa a spejjez tal-istess konvenuti u dan occorrendo taht id-direzzjoni ta' periti nominandi u spejjez tal-istess konvenuti intimati;

"c. Fin-nuqqas l-atturi rikorrenti jigu awtorizzati li jaghmlu l-imsemmija xoghlijiet sabiex jirriprestinaw l-istess tieqa skont l-imsemmi kuntratt; u f'okkazjonijiet taht id-direzzjoni ta' perit mahtur minn din l-Onorabbli Qorti a spejjez tal-istess intimati; u taht dawk il-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa.

"Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-protest tas-27 ta' April 2011 Nru. 171/11 kontra l-konvenuti li minn issa huma ingunti in subizzjoni."

Rat ir-risposta tal-konvenuti konjugi Tabone tat-2 ta' Awissu, 2011, li tghid hekk:

"1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess atturi, stante illi huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan peress illi l-allegazzjoni avanzata mill-atturi, u cioe illi l-esponenti abbusivament ghalqu t-tieqa mertu ta' din il-kawza, hija infondata u inveritiera, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

> "2. Illi jkun opportun illi jigi rilevat illi l-esponenti xtraw u akkwistaw il-fond proprjeta taghhom, u cioe 47, Seahunt Flats, Flat 1, Triq il-Marlozz, tas-Sellum, Mellieha in forza ta' kuntratt datat 18 ta' Ottubru 1990 in atti Nutar Dr. Gerard Spiteri Maempel, liema fond jikkonfina in parte mal-garage tal-atturi rikorrenti; Illi t-tieqa mertu ta' din il-kawza ilha minn ftit taz-zmien wara li gie akkwistat mill-eccipjenti mghottija bi struttura fissa - ossia persjana tal-hadid, u llum tal-aluminium - liema struttura twahhlet ghal skopijiet ta' privatezza u sigurta. Illi ghalhekk din l-istruttura kienet gia ilha f'postha ghal ghaxar (10) snin meta l-atturi rikorrenti xtraw il-fond proprjeta taghhom, filwaqt illi skorrew ghaxar (10) snin ohra sakemm giet proposta din l-azzjoni.
>
> "3. Illi jsegwi ghalhekk illi ma gie mwettaq ebda agir abbuziv mill-eccipjenti li wassal ghal tnaqqis jew tibdil fl-uzu tas-servitu li l-atturi rikorrenti kienu jgawdu meta xtraw il-fond proprjeta taghhom, u ghalhekk l-esponenti m'ghandhomx jigu ordnati jwettqu ebda xoghlijiet rimedjali, u lanqas l-atturi rikorrenti m'ghandhom jigu awtorizzati sabiex iwettqu ebda xoghlijiet a spejjez tal-eccipjenti.
>
> "4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-ligi."

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-16 ta' Ottubru, 2012, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi filwaqt li cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u laqghet it-talbiet attrici, fl-isfond tal-konsiderazzjonijiet maghmula mill-Qorti fil-korp tas-sentenza u ghall-finijiet tat-tieni u t-tielet talbiet attrici ordnat li l-pjanca tal-hadid titnehha u flokha titqieghed persjana tal-hadid simili ghal dik pre-ezistenti, dan kollu taht id-direzzjoni u skont l-ispecifikazzjonijiet tal-Perit Tekniku li ghandu jzomm mal-originali safejn jista' jikkonstata. Il-Perit Alan Saliba gie nominat ghal dan l-iskop. Gie ordnat ukoll li l-persjana ghandha tkun maqtugha l-barra mill-hajt tlett pulzieri u nofs, kif kienet dik ta' qabel u li x-xoghlijiet kellhom isiru fi zmien xahar mid-data tas-sentenza, hekk kif jidderiegi l-Perit. Ix-xoghlijiet rimedjali kellhom isiru a karigu tal-konvenuti. Fin-nuqqas li jsiru x-xoghlijiet mill-konvenuti kif ordnat, awtorizzat l-atturi

jaghmlu x-xoghol huma a spejjez tal-konvenuti taht id-direzzjoni tal-Perit Alan Saliba. Gie deciz ukoll li l-ispejjez tal-kawza jinqasmu bin-nofs stante n-natura tal-kaz u n-nuqqasijiet tal-partijiet bil-mod kif ikkomportaw ruhhom biex issawret din il-vertenza.

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Din hi kawza fejn l-atturi qed jitolbu li l-konvenuti jirripristinaw servitu intiz ghat-tgawdija tal-atturi u li gie ostakolat mill-konvenuti.
>
> "Tajjeb li qabel il-Qorti tikkunsidra l-kwistjoni legali jigi riassunti fil-qosor il-fatti.
>
> "Fatti
>
> "Il-kawza iddur madwar tieqa wiesa' 1.23 metri u gholja 0.79 metru u dan skont ma kkonstata l-Perit Alan Saliba mqabbad mill-Qorti. Din it-tieqa qeda f'hajt ta' wara ta' garage proprjeta tal-atturi, liema hajt hu wiehed li jiddividi l-parti ta' wara tal-garage tal-atturi minn bitha interna jew shaft proprjeta tal-konvenuti liema fond tal-konvenuti hu adjacenti ghal dak tal-atturi. Din it-tieqa hi gholja mill-art tal-garage tal-atturi 1.92 metri.
>
> "Hu pacifiku illi din il-fetha saret bid-destinazzjoni tas-sid taz-zewg fondi cioe Ciappara Holdings Limited, George Saliba u Francis Borg. L-ewwel akkwirent tal-garage cioe Alfred Calleja akkwista l-garage fl-1 ta' Awwissu 1990 u ghalkemm il-kuntratt tieghu mhux esebit, gie esebit il-kuntratt tal-akkwist tal-atturi li akkwistaw minghand is-Sur Calleja fil-25 ta' April 2001 (fol. 4 tal-process). F'dan il-kuntratt jissemma t-tgawdija ta' servitu ta' tieqa wiesa' xi erba' piedi u gholja xi hames filati, li taghti fuq il-proprjeta ta' terzi.
>
> "Il-konvenuti xtraw il-fond taghhom fit-18 ta' Ottubru 1990 (fol. 30 tal-process) fejn gie indikat li l-fond taghhom hu soggett ghas-servitu ta' tieqa a favur tal-garage kontigwu proprjeta ta' Alfred Calleja liema tieqa tmiss mas-saqaf tal-garage u thares ghal bitha tal-flat.
>
> "Jidher illi meta xtara l-garage Alfred Calleja wahhal tieqa sliding tal-aluminium bil-hgieg matt li ghadha fil-post u li tidher fir-ritratt a fol. 20 tal-process. Jirrizulta wkoll illi ftit zmien wara izda fl-istess epoka tax-xiri, il-konvenuti wahhlu persjana tal-hadid minn naha taghhom li tidher

fir-ritratt a fol. 18 tal-process. Alfred Calleja jixhed li hu ma' ta' ebda kunsens biex din il-persjana titwahhal pero ma oggezzjonax. Skont il-konvenuti Alfred Calleja talabhom jispazjaw aktar il-persjana mill-hajt divizorju u fil-fatt il-persjana inqalghet tlett pulzieri u nofs il-barra u dan biex jippermetti ahjar id-dawl u arja fil-fond tieghu (illum tal-atturi).

"Dan kien l-istat ta' fatt meta xtraw l-atturi fl-2001. Hemm divergenza bejn il-partijiet dwar l-accettazzjoni da parti tal-atturi dwar dan l-istat ta' fatt bl-atturi jghidu li oggezzjonaw mill-ewwel u l-konvenuti jichdu li kien hemm oggezzjoni.

"Fl-2009 il-konvenuti riedu jaghmlu manutenzjoni fil-persjana tal-hadid billi riedu jizbghuha. Jidher li nqala dizgwid u ma sar xejn. Pero ghal bidu tal-2010 l-atturi indunaw illi f'xi zmien wara s-sajf tal-2009 il-konvenuti ssostitwew il-persjana tal-hadid b'wahda tal-aluminium li kienet tippermetti inqas dawl minn dik tal-hadid (fol. 19 tal-process). Jigi relevat illi l-atturi juzaw il-garage fis-sajf ghal villeggatura. L-atturi jammettu li qalghu il-persjana tal-aluminium fil-proprjeta tal-konvenuti. Il-konvenuti meta raw hekk, wahhlu pjanca tal-hadid u qalghuha ftit pulzieri il-barra mill-hajt. Dan hu l-istat ta' fatt illum.

"Ghalkemm il-Qorti ppruvat tressaq lill-partijiet biex isibu soluzzjoni bonarja f'sens u spirtu ta' bon vicinat li ghandhom ikollhom girien, il-partijiet ma waslu ghal ebda akkordju bonarju.

"**Ligi**

"Hu car illi t-tieqa in kwistjoni hi servitu u l-atturi jgawdu dan is-servitu kostitwit mis-sid ta' zewg fondi attigwi u gie krejat biex il-fond dominanti cioe tal-atturi jgawdu minn dawl u arja fl-istess fond mill-bitha tal-konvenuti peress li ma jidhirx li l-garage ghandu arja jew dawl minn xi parti ohra hlief mill-bieb ta' barra tal-garage innifsu. Dan is-servitu mhux wiehed ta' prospett u dan jidher mill-post fejn tinsab it-tieqa u cioe kwazi mas-saqaf tal-garage, gholi ta' kwazi zewg metri mill-art. Is-servitu gawdut mill-atturi hu wiehed apparenti u kontinwu skont l-artikolu 455 tal-Kodici Civili, liema servitu hu wiehed li jista' jigi krejat bid-destinazzjoni 'del padre di famiglia'.

"Hu pacifiku illi l-konvenuti bhala sidien tal-fond servjenti ma jistghu jaghmlu xejn biex inaqqsu jew ifixxklu t-tgawdija ta' dan is-servitu (artikolu 474 tal-Kap. 16).

"Minn naha l-ohra hemm zewg kwistjonijiet li jridu jittiehdu kont taghhom. L-ewwel kwistjoni hi jekk l-awtur tal-atturi akkonsentiex anki b'mod implicitu li s-servitu ta' arja u dawl jigi sa certu punt limitat bit-tqeghid ta' persjana quddiem it-tieqa sliding tal-aluminium. Irid jigi wkoll mehud in konsiderazzjoni d-dritt tas-sid tal-fond servjenti li tenut kont li dan is-servitu jidher li hu biss wiehed ta' dawl u arja u ma jinkludix fih il-prospett ghandu dritt li jiehu dawk il-mizuri fil-proprjeta tieghu biex

jillimita l-introspezzjoni fil-fond tieghu, fil-limitazzjonijiet li ghandu qua sid fil-konfront tas-servitu li tiggrava l-fond.

“Hu risaput illi rinunzja ghal dritt tista’ tkun esplicita jew implicita. Pero kif qalu l-Qrati taghna rinunzja tacita ghandha tigi interpretata tant restrittivament illi mill-fatti li minnhom dik ir-rinunzja trid tigi dezunta ma tkunx tista’ tingibed kongettura ohra hlief il-propozitu evidenti tar-rinunzja. Hemm bzonn li din tirrizulta minn att jew kumpless ta’ atti li jissopponu necessarjament fir-rinunzjant l-intenzjoni li huwa jabdika d-dritt tieghu (**Koll Vol XXXIV PT11 Pg 646 u Galea vs Camilleri noe**, App Civ 18/03/1997 u **Baldacchino vs Pace** 24/11/2004).

“Il-Qorti tqis illi Alfred Calleja, ghalkemm ma jirrizultax kunsens esplicitu ghal persjana maghmula mill-konvenuti, pero fl-istess waqt hu ma ha ebda azzjoni ta’ ebda tip kontra l-konvenuti u anqas ma wera xi oppozizzjoni ghaliha. Hu zied li t-tieqa kienet fl-gholi. Riedha biss ghall-arja u ma kienx jinteressah li jhares fil-bitha ta’ xi hadd. Zied biss li ddispjacih li l-konvenuti wahlu l-persjana bla ma qalulu. L-atturi xtraw b’dan l-istat fattwali ezistenti, hdax-il sena wara u din is-sitwazzjoni pperdurat sal-2010 meta l-konvenuti biddlu l-persjana tal-hadid ma’ wahda tal-aluminium.

“Din il-Qorti tqis illi l-provi juru illi l-awtur tal-atturi bin-nuqqas ta’ kwalsiasi azzjoni tieghu, anqas ebda forma ta’ oppozizzjoni verbali jew mill-miktub irrikonoxxa u accetta l-azzjoni tal-konvenuti li jassikuraw li ma jkunx hemm introspezzjoni fil-proprjeta taghhom mit-tieqa tal-awtur tal-atturi. Din l-azzjoni cioe t-tqeghid ta’ persjana ma biddlitx mill-iskop tas-servitu tat-tieqa, kif poggiha l-istess Alfred Calleja billi l-iskop tat-tieqa kienet ghall-arja (ghalkemm ighid li qatt ma fetah it-tieqa) u ghad-dawl.

“Inoltre ma gietx kontradetta fl-ebda mod ix-xhieda tal-konvenuti illi l-persjana giet maqlugha aktar il-barra fuq talba tal-istess Alfred Calleja. Tali att hu kompatibbli ma accettazzjoni ta’ stat ta’ fatt bil-kondizzjoni minnu maghmula u accettat mill-konvenuti billi kif jixhdu huma stess il-fetha bejn il-hajt u l-persjana ziduha ghal tlett pulzieri u nofs. Mhux lecitu ghall-atturi li jippruvaw ibiddlu dak li l-awtur taghhom kien accetta bil-fatt tieghu stess, li konsapevoli tal-azzjoni tal-konvenuti, naqas li juri n-nuqqas ta’ accettazzjoni tieghu anki b’mod verbali u di piu akkonsentixxa ghal dak li ghamlu l-konvenuti wara talba ghal alterazzjoni li saret minnu lill-konvenuti.

“L-awtur tal-atturi ma rrinunzjax ghad-dritt tal-apertura ta’ dawl u arja izda accetta li l-konvenuti jutilizzaw mezz li bih jissalvagwardaw il-proprjeta taghhom mill-introspezzjoni minghajr ma xekklu bl-ebda mod l-estent tas-servitu.

“Mill-banda l-ohra dan l-istat ta’ fatt ezistenti meta xtraw l-atturi nbidel circa ghaxar snin wara meta sehhew zewg fatti. Il-konvenuti qua sidien tal-bitha u sidien tal-persjana kellhom l-obbligu li jmantnu l-persjana. Il-

manutenzjoni pero ma tfissirx bdil tal-istat fattwali ezistenti sa dak iz-zmien. Il-konvenuti bla konoxxenza jew approvazzjoni tal-atturi qabdu u biddlu t-tieqa tal-hadid ma' wahda tal-aluminium. Ghalkemm qua sidien il-ligi taghti drittijiet lil proprjetarju pero dawn id-drittijiet huma soggetti ghal limitazzjonijiet imposti mill-ligi jew f'dan il-kaz mill-akkwist innifsu. Il-konvenuti li naqsu l-aggravju impost mis-servitu billi wahhlu l-persjana tal-hadid u din giet accettata mis-sid tal-fond dominanti kif fuq inghad ma kellhom ebda jedd li bla permess ibiddlu dan l-istat ta' fatt. L-atturi kontra l-ligi, ammettew li qalghu l-persjana l-gdida u zammewha ghandhom billi l-pulizija ma ridux izommuha huma. Il-konvenuti aggravaw is-sitwazzjoni billi wahhlu pjanca tal-hadid li zgur naqset mit-tgawdija tas-servitu li kellhom l-atturi.

"Kif qalet il-Qorti fil-kawza **Maria Azzopardi et vs Giuseppe Sciberras**, (App Civ 18/10/1963) persuna ghandha dritt tipprotegi ruhha minn introspezzjoni, dritt li hu ragonevoli kontra l-perikolu u l-abbuz mis-sid dominanti, li jgawdu servitu ta' dawl u arja. Din il-Qorti izzid li ghalkemm dan hu minnu, f'dan il-kaz it-tieqa li jgawdu l-atturi qeda l-fuq fil-hajt ghalkemm b'sellum zghir facilment ragungibbli. Izzid ukoll li fl-access li sar mill-Qorti rrizulta li hemm kamra tas-sodda proprjeta tal-konvenuti faccata tat-tieqa, separata mill-bitha jew shaft tal-istess konvenuti.

"Tenut dan kollu hu ovvju illi l-konvenuti naqsu mill-arja u dawl gawduti mill-atturi meta tqeghdet il-pjanca tal-hadid liema pjanca ghandha titnehha b'mod definittiv ghax tilledi d-dritt ta' servitu gawdut mill-atturi.

"Il-Qorti ma kienitx tezita li tordna li terga titqieghed il-persjana tal-hadid pero dan mhux possibbli ghax din il-persjana ma ghadhiex tezisti. Tinsorgi ghalhekk il-problema sekondarja billi l-atturi jilmentaw illi l-persjana tal-aluminium ghandha l-paletti idjeq u ghalhekk ighaddi inqas dawl u arja. Il-Qorti ma tistax tikkompara tieqa ma' ohra billi t-tieqa tal-hadid mhux disponibbli. Lanqas wiehed ma jista' jigbed konkluzjoni mir-ritratti billi jghodd il-paletti tat-tieqa tal-hadid u dik tal-aluminium u dan peress li ma hemmx referenza ghal hxuna tal-hadid. Lanqas jista' jittiehed rendikont ezatt tal-pozizzjoni tal-paletti referibbilment ghad-dawl billi r-ritratti ma jaghtux stampa ezatta u l-angolu mnejn ikun ittiehed ritratt jista' jqarraq l-ghajn. Madankollu hu indubitat illi l-konvenuti naqsu meta ddisponew mit-tieqa tal-hadid. Il-Qorti ma tqis gust li l-atturi jbatu ghal kollox din is-sitwazzjoni stante li l-konvenuti ma hallew ebda prova ta' dak li kien jikkostitwixxi l-limitazzjoni fuq is-servitu.

"Rinfaccat b'din is-sitwazzjoni l-Qorti tordna li terga titwahhal tieqa tal-hadid li ghandha ssir mill-konvenuti u spejjez taghhom u dan fuq specifikazzjonijiet li ser jinghataw mill-Perit Alan Saliba nominat mill-Qorti ghal dan l-iskop mehud in konsiderazzjoni dak li jirrizulta lil Perit Tekniku mir-ritratti esebiti u li fuqhom ghandu jidderiegi lill-konvenuti dwar kif ghandha ssir il-persjana."

Rat ir-rikors tal-appell tal-atturi konjugi Bonello li, ghar-ragunijiet hemm imsemmija, filwaqt li ghamlu referenza ghall-provi prodotti, talbu illi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata kif moghtija, billi tikkonfermaha in kwantu cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, u tikkonfermaha fejn laqghet it-talbiet attrici u ordnat lill-appellati biex inehhu l-pjanca tal-hadid, u tirrevokaha fil-bqija u ghalhekk tilqa' it-talbiet tal-atturi appellanti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellati.

Rat ir-risposta tal-konvenuti appellati li permezz taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, issottomettew li din il-Qorti ghandha tichad l-appell interpost mill-atturi appellanti u tikkonferma l-imsemmija sentenza appellata tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess atturi appellanti.

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta' Novembru, 2016, li permezz tieghu, il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum, wara li l-partijiet permezz tal-avukati taghhom, irrimettew ruhhom ghall-atti bil-miktub u talbu li l-appell jithalla ghas-sentenza. Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

Ikkonsidrat:

Illi n-natura ta' din il-kawza hija *actio confessoria servitutis* li l-ghan taghha huwa l-konferma ta' dritt ta' servitù favur ta' sid ta' fond dominanti kontra sid ta' fond serventi. Il-bazi guridika tal-azzjoni ghalhekk hija l-ezistenza o meno ta' servitù.

Kif inghad mill-Prim'Awla fis-sentenza taghha tat-3 ta' Gunju, 2004, fil-kawza fl-ismijiet **Josephine Darmanin v. Joseph Camilleri**:

> *"… l-ghan ewlieni tal-azzjoni konfessorja huwa dak li permezz taghha s-sid ta' fond li jgawdi servitu' fuq fond iehor jitlob dikjarazzjoni mill-Qorti li l-gid tieghu igawdi dik is-servitu' li s-sid tal-post l-iehor, b'ghamil jew b'fatt iehor, ikun qieghed ixekklu jew inehhih mit-tgawdija taghha."*

L-appell tal-atturi konjugi Bonello huwa msejjes principalment fuq l-ilment li l-ewwel Qorti tat interpretazzjoni hazina tal-ligi dwar l-estinzjoni ta' servitù meta qalet li kien hemm rinunzja ghal tali servitù meta l-konjugi Calleja, li kienu s-sidien originali tal-garaxx *de quo,* ma ghamlu xejn biex igieghelu lill-konvenuti appellati jnehhu l-istruttura forma ta' persjani ta' hadid li ghamlu. Filwaqt li jishqu li Calleja xehed li huwa qatt ma ta l-kunsens tieghu lill-konvenuti appellati biex jaghmlu l-istruttura tal-hadid, forma ta' persjana, jirrilevaw ukoll li l-ligi stess tipprovdi li ebda sid ta' fond ma jista' jaghmel tibdil li jtaqqal il-piz tas-servitù (Artikolu 475 tal-Kodici Civili).

Minn ezami tal-provi migbura fl-atti tal-kawza, jirrizulta inkontestat li l-garaxx proprjetà tal-atturi appellanti jgawdi minn servitù ta' tieqa li taghti

ghal fuq il-bitha interna, proprjetà tal-konvenuti appellati. Din is-servitù tirrizulta mill-kuntratt ta' akkwist taghhom datat 27 ta' April, 2001, fl-atti tan-Nutar Anthony Abela. Meta l-atturi appellanti xtraw il-garaxx, din it-tieqa kellha maghha struttura tal-hadid, fil-forma ta' persjana, li huma jishqu li qatt ma taw il-kunsens taghhom ghaliha, kif lanqas ma taw il-kunsens taghhom, il-predecessuri taghhom fit-titolu, l-konjugi Calleja. Maz-zmien din l-istruttura tal-hadid saddet u ghall-ewwel il-konvenuti appellati kienu ser jaghmlu xi manutenzjoni fuq l-istess struttura, izda wara argument li nqala' mal-atturi appellanti dwar l-istess xoghol ta' manutenzjoni propost minnhom, il-konvenuti appellati bidlu l-istruttura tal-hadid li kien hemm sabiex ghamlu persjani tal-aluminju li l-atturi appellanti qalghu minn posthom. Sussegwentement, il-konvenuti appellati mbarraw it-tieqa bi pjanca tal-hadid. Dan kollu wassal ghall-proceduri odjerni.

L-atturi appellanti jghidu wkoll li l-ligi tipprovdi ghal kif jispiccaw is-servitujiet, fosthom meta wiehed ma jinqedix b'servitù ghal erbghin sena, fil-kaz ta' beni tal-Gvern ta' Malta, tal-knisja jew ta' istituzzjoni pija ohra, u ghal tletin sena, fil-kaz ta' beni ohra (Artikolu 481 (1) tal-Kodici Civili). Fil-fehma tal-atturi appellanti, l-estinzjoni ta' servitù ma tavverax ruhha kif qalet l-ewwel Qorti, jigifieri peress li minghand min huma xtraw il-garaxx ma ha ebda pass biex igieghel lill-konvenuti appellati jnehhu l-istruttura li ghamlu, forma ta' persjana mat-tieqa, izda tavvera ruhha jew

bil-preskrizzjoni ta' tletin sena, jew erbghin sena kif jiprovdi l-artikolu 481 (1) tal-Kodici Civili. L-atturi appellanti jiccitaw gurisprudenza fejn jinghad li:

(i) Semplici konoxxenza da parti tas-sid tal-fond dominanti tal-fatt li jkun hemm opera kuntrarja ghas-servitù ma timplikax rinunzja, kif lanqas ma jimplika rinunzja s-silenzju tieghu (**Theresa Schembri et v. Bartholomeo sive Bertu Camilleri et**, deciza mill-Prim'Awla fis-16 ta' Gunju, 2003);

(ii) ir-rinunzja ta' dritt ma tistax tigi prezunta izda trid tigi ppruvata b'mod konklussiv jekk tkun tacita, peress li r-rinunzja trid tinsorgi minn fatt car u evidenti li jinkludi necessarjament l-intenzjoni tar-rinunzja u li ma jistax jigi interpretat mod iehor jew iqajjem xi dubju dwar l-intenzjoni tar-rinunzjant. (**Mace Developments Limited v. Ramla Developments Company Limited** deciza mill-Prim'Awla fid-29 ta' Ottubru, 2004;

(iii) Meta jkun hemm pussess ta' servitù kontra l-jedd tas-sid, u s-sid jibqa' ma jaghmilx opposizzjoni, dak il-pussess jista' jimmatura f'jedd miksub bil-process tal-preskrizzjoni akkwisittiva; izda l-preskrizzjoni trid il-moghdija ta' zmien. In-nuqqas ta' opposizzjoni, di per se, ma jammontax ghal rinunzja ta' xi drittijet kemm-il darba ma jkunx ghadu ddekorra z-zmien ghall-preskrizzjoni akkwisittiva. (**Josephine Bugeja**

**v. Carmelo Bugeja et** deciza mill-Qorti tal-Appell, fit-30 ta' Ottubru, 2001); u

(iv) Ir-rinunzji huma di stretto diritto meta ma humiex espressi u ghandhom jirrizultaw minn fatti assolutament irrikonciljabbli mal-volontà tal-konservazzjoni tad-dritt u li juru l-volontà preciza tar-rinunzja.

Ghandu jinghad li din il-Qorti taqbel mal-principji appena elenkati hekk kif esposti mill-atturi appellanti, izda tirritjeni li mill-istess gurisprudenza citata minnhom, jirrizulta li l-estinzjoni tal-jedd ta' servitù ma jsehhx biss bit-trapass ta' tletin sena, kif jippretendu l-atturi appellanti, izda fost metodi ohra ta' estinzjoni hemm ukoll ir-rinunzja li tista' tkun espressa jew tacita. Madankollu l-Qorti trid tara wkoll l-applikabbilità taghhom ghall-kaz in ezami u ghalhekk ser tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward. In tema legali dwar ir-rinunzja, hu pacifiku li:

> "*Potendo ciascuno rinunziare ai diritti stabbiliti in suo favore, il proprietario può bene rinunziare alla servitù costituita in vantaggio del suo fondo*".
> (Cremona, Giurisprudenza sul Codice Civile - Vol. II, Sez. III, p. 503).

Jinghad ukoll li:

> *"la rinuncia tacita risulta da un fatto che implica necessariamente l'intenzione di abbandonare il diritto: occorre che questo fatto non possa avere altra interpretazione, perchè le rinuncie non si presumono".* - Baudry-Lacantinerie (Trattato Teorico Pratico sul Codice Civile - Vol. VI, p. 935).

Fil-kaz in diskussjoni, s-servitù ta' tieqa inholoq bis-sahha tal-kuntratt tal-1 ta' Awwissu, 1990, fl-atti tan-Nutar Gerard Spiteri Maempel, li bih il-predecessuri fit-titolu tal-atturi, l-konjugi Calleja, akkwistaw il-garaxx minghand Ciappara Holdings Limited, George Saliba u Francis Carmel Borg. Ghalkemm l-istess kuntratt ma jirrizultax esebit in atti, jinghad li l-kostituzzjoni ta' servitù ta' tieqa saret fil-kuntratt fuq insistenza tal-istess Alfred Calleja, li kien l-ewwel akkwirent taz-zewg proprjetajiet kontigwi. Sussegwentement il-konvenuti appellati akkwistaw minghand l-istess vendituri Ciappara Holdings Limited, George Saliba u Francis Carmel Borg, il-fond biswit il-garaxx, permezz ta' kuntratt fit-18 ta' Ottubru, 1990 fl-atti tal-istess nutar Spiteri Maempel.[1] L-imsemmi kuntratt jispecifika li l-fond suggett tal-bejgh huwa suggett ghas-servitù ta' tieqa a favur tal-proprjetà kontigwa ta' Alfred Calleja, liema tieqa hija deskritta bhala tmiss mas-saqaf u thares ghal gol-bitha interna tal-flat, sabiex il-fond dominanti (l-garaxx) igawdi minn dawl u arja.

Ghalhekk l-istess servitù ta' tieqa, liema servitù huwa wiehed kontinwu u apparenti, kien ikkrejat mill-istess sidien originali, *per destinazione di padre di famiglia.* In kontro-ezami l-konvenut appellat jammetti li meta ried jixtri wera x-xewqa li t-tieqa tispicca minn hemm, izda l-vendituri kienu cari li t-tieqa kellha tibqa' hemm tant li qalulu biex fil-kaz ma jiehux il-post, izda huwa xorta ried jixtri l-post. Min-naha l-ohra l-konvenuti

[1] Esebit bhala Dok. GT1 a fol. 30 tal-process

appellati jispjegaw li fl-interess taghhom ta' sigurtà u privatezza, ladarba kellhom ambjenti jaghtu ghal fuq il-bitha interna, fosthom kamra tas-sodda, ftit wara li akkwistaw il-fond fis-sena 1990, u waqt li kienu ghaddejjin bix-xoghlijiet fih, installaw il-*frame* tal-hadid bil-*louvres*, sabiex filwaqt li l-garaxx kontigwu jkollu l-arja u d-dawl, ma jkunx hemm introspezzjoni fil-fond taghhom.

Ghandu jinghad li, ghalkemm huwa minnu li s-sid precedenti tal-garaxx Alfred Calleja, ma tax il-kunsens tieghu ghall-persjani tal-hadid maghmula mill-konvenuti appellati, ma ha ebda azzjoni li biha wera xi oppozizzjoni ghall-istess persjani, liema sitwazzjoni baqghet ezistenti anke meta huwa biegh il-garaxx lill-atturi appellanti. L-ewwel Qorti enfasizzat li ghalkemm l-awtur tal-atturi ma rrinunzjax ghad-dritt tal-apertura ta' dawl u arja, huwa kien accetta li l-konvenuti jissalvagwardjaw il-proprjetà taghhom mill-introspezzjoni, minghajr ma jxekklu l-estent tas-servitù. Fil-fatt, ma jinsabx kontradett, li meta Calleja talabhom li l-persjana tinqala' ftit aktar 'il barra, il-persjana giet maqlugha 'l barra mill-hajt ghal tliet pulzieri u nofs. Din il-Qorti ssib li l-fatt li l-awtur tal-atturi appellanti m'ghamel xejn biex jopponi l-agir tal-konvenuti appellati u jinforza d-dritt li titnehha ghal kollox il-persjana kif pretiz mill-atturi appellanti (anzi, ta direzzjoni ta' kif il-persjana kellha tigi aggustata), juri li kien hemm accettazzjoni da parti tal-predecessur taghhom fit-titolu, ta' limitazzjoni maghmula fuq is-servitù, aktar milli

rinunzja tacita tas-servitù *per se*. Dan ma jwassalx ghall-estinzjoni tas-servitù originali, izda limitazzjoni fuqha kif spjegat.

Inoltre, kif ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tas-6 ta' Frar, 2015, fl-ismijiet **Emaunel Mifsud et v. Pierre Galea et:**

> *"L-ewwel qorti verament ma qalitx illi kienu l-konvenuti appellanti illi irrinunzjaw għas-servitù iżda dik ir-rinunzja kienet ġà seħħet, mill-awturi tagħhom, meta huma xtraw il-fond. Jekk is-servitù kienet ġà ntilfet, ir-rieda tal-konvenuti ma setgħetx reġgħet tatha l-ħajja."*

Hekk ukoll f'dan il-kaz, ladarba l-awturi tal-atturi appellanti irrinunzjaw ghall-jedd taghhom fir-rigward tal-limitazzjoni imposta bl-ewwel persjana tal-hadid, ir-rieda tal-atturi appellanti ma tibqax rilevanti, aktar u aktar meta jigi ikkonsidrat ukoll li huma xtraw il-garaxx bl-istess tieqa bil-persjana tal-hadid, minghajr ma ghamlu ebda kundizzjoni jew rizerva.

L-atturi appellanti jiccitaw l-Artikolu 475 tal-Kodici Civili in sostenn tal-kaz taghhom. Fil-verità huwa ritenut li l-atturi appellanti riedu jirreferu ghall-Artikolu 474(1) tal-Kodici Civili, li huwa meqjus applikabbli ghall-kaz odjern, ladarba x-xoghlijiet ilmentati minnhom, li saru fis-sena 2010, gew ezegwiti da parti ta' sid il-fond serventi. L-Artikolu 474(1) jipprovdi li s-sid tal-fond serventi ma jista' jaghmel xejn li jista' jnaqqas l-uzu tas-servitù jew li jaghmel li dan l-uzu jkun ta' xkiel akbar. Hu ma jistax ibiddel il-kondizzjoni tal-fond, lanqas ma jista' jiddestina ghall-ezercizzju tas-servitù parti ohra tal-fond diversa minn dik li fiha s-servitù kienet giet

stabbilita fil-bidu. Dan hu minnu, pero`, kif intwera, is-sid tal-fond dominanti accetta li ssir il-bidla.

Din il-Qorti bhal ta' qabilha, tikkonsidra li bl-istess persjana tal-hadid originali, l-iskop originali tas-servitù tat-tieqa u, cioè, tad-dawl u tal-arja, ma nbidilx u fi kwalunkwè kaz, kif inghad qabel, il-predecessur fit-titlu tal-atturi appellanti accetta l-istess, kif accettawha wkoll l-istess atturi appellanti meta xtraw il-garaxx *de quo* fl-2001. Izda, tqis li meta fl-2010, il-konvenuti appellati qabdu u bidlu l-*louvres* tal-hadid sabiex minflok saru dawk tal-aluminju, u wara ghamlu il-pjanca tal-hadid,[2] dan ma setghax isir ghax b'hekk ikunu qed jaghmlu alterazzjonijiet li jnaqqsu l-uzu tas-servitu` jew irrendew s-servitu` aktar skomda, b'mod li arrekkaw pregudizzju lill-proprjetarju tal-fond dominanti, (tnaqqis ta' dawl u arja) fir-rigward tan-natura u l-oggett tas-servitu`. Kif ritenut minn din il-Qorti fid-decizjoni taghha tas-16 ta' Novembru 1956 fil-kawza fl-ismijiet **Giuseppe Muscat v. Giuseppe Bugeja et:**

> *"il-proprjetarju tal-fond serventi ma jistax jezercita minn rajh it-tibdil tal-passagg minghajr ma jinterpella lill-proprjetarju tal-fond dominanti u, fil-kaz li dan jirrifjuta li jaghti l-kunsens tieghu ghal dak it-tibdil, minghajr ma jirrikorri lill-Qorti biex ibiddel il-post originarju tas-servitu` (Demolombe, Cir. Civ. Tom. XII, n. 902). Il-ligi, meta tippermetti lill-proprjetarju tal-fond serventi li "jofri" lill-proprjetarju tal-fond dominanti post ugwalment komodu ghall-ezercizzju tas-servitu`, u meta tivvjeta lil dan ta' l-ahhar li "jirrifjuta" dik l-offerta fil-kazi mill-istess ligi preveduti, evidentement timponi lill-proprjetarju tal-fond serventi li jottjeni ghal dak it-tibdil il-kunsens tal-proprjetarju tal-fond dominanti, u, f'kaz ta' opposizzjoni, l-awtorizazzjoni tal-Qorti, u tivvjetalu li jispolja lill-vicin mill-pussess tas-servitu`(Kollez. Vol. XV p 400)."*

[2] Kif tirrizulta mir-ritratt mehud mill-perit tekniku a fol. 99 tal-process.

Hekk ukoll f'dan il-kaz, kien ikun aktar ghaqli ghall-konvenuti appellati li minflok qabdu u bidlu l-*louvres*, ladarba raw li l-atturi appellanti kienu qeghdin joggezzjonaw sahansitra ghax-xoghol ta' manutenzjoni fuq l-istess *louvres*, li jirrikorru l-Qorti sabiex fin-nuqqas tal-kunsens tal-atturi appellanti, ifittxu l-awtorizzazzjoni tal-Qorti. Tenut dan kollu, il-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura f'dak li ikkonkludiet l-ewwel Qorti.

Din il-Qorti ssib li saret analizi korretta ukoll, meta kien ritenut li d-dritt tal-atturi ta' servitù ta' tieqa ghad-dawl u l-arja, ma kienx jinkludi d-dritt ta' introspezzjoni, li huwa ovvju meta wiehed jikkonsidra l-pozizzjoni tat-tieqa li hija kwazi mas-saqaf[3], liema tieqa hi gholja mill-art tal-garage tal-atturi 1.92 metri. Fil-fehma tal-Qorti dan huwa wkoll punt krucjali li l-atturi appellanti konvenjentement jiskartaw fl-analizi taghhom tas-sentenza appellata meta ntqal:

> *"Kif qalet il-Qorti fil-kawza* ***Maria Azzopardi et vs Giuseppe Sciberras,*** *(App Civ 18/10/1963) persuna ghandha dritt tipprotegi ruhha minn introspezzjoni, dritt li hu ragonevoli kontra l-perikolu u l-abbuz mis-sid dominanti, li jgawdu servitu ta' dawl u arja. Din il-Qorti izzid li ghalkemm dan hu minnu, f'dan il-kaz it-tieqa li jgawdu l-atturi qeda l-fuq fil-hajt ghalkemm b'sellum zghir facilment ragungibbli. Izzid ukoll li fl-access li sar mill-Qorti rrizulta li hemm kamra tas-sodda proprjeta tal-konvenuti faccata tat-tieqa, separata mill-bitha jew shaft tal-istess konvenuti."*

Fi kwalunkwe kaz, kif gustament rilevat mill-konvenuti appellati fir-risposta taghhom, lanqas l-atturi appellanti bhala sidien tal-fond dominanti m'ghandhom id-dritt li jzidu l-piz fuq il-fond serventi (Artikolu

[3] Kif jirrizulta mir-ritratt esebit a fol. 100 tal-process.

475 tal-Kodici Civili), u ghalhekk it-tieqa ghandha tillimita d-dritt ta' servitù ghal dak ta' dawl u arja, u mhux tinkludi dak ta' prospett. In tema legali, jinghad ukoll fuq dan il-punt illi, kif ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Emanuel Agius v. Emanuel Mifsud** deciza mill-Prim'Awla fit-28 ta' April, 2005:

> "*Fil-waqt li din il-Qorti taccetta li proprjetarju ta' fond jew art jista' jaghmel u jizvillupa l-proprjeta' tieghu kif irid, dan jista' jaghmlu dejjem sakemm ma johloqx hsara lill-terzi. Fil-kawza "Bugeja vs Washington", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-5 ta' Mejju, 1897, gie enuncjat il-principju, li kien u ghadu kardinali fil-kuntest tad-drittijiet ta' proprjetarji, li "Il diritto del proprietario di usare liberamente del suo fondo e di farsi le modificazioni che crede convenienti cessa la ove si reca grave molestia al vicino". Intqal ukoll, a propositu, li, "Hu pacifiku illi ma huwiex bizzejjed li wiehed jaghmel uzu mid-dritt tieghu, izda dan l-uzu irid ikun fil-limiti gusti, kwindi anke konciljat ghad-drittijiet ohra ta' haddiehor, li altrimenti jistghu jigu vvjolati b'dak l-uzu u dan ikun illeggittimu" – "Mifsud vs Camilleri", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru, 2004."* (sottolinjar mizjud minn din il-Qorti).

Huwa ritenut li permezz tas-sentenza appellata intlahaq il-bilanc gust bejn id-dritt ta' servitù spettanti lill-atturi appellanti u l-interess tal-konvenuti appellati li jigu protetti mill-introspezzjoni mill-fond dominanti.

Ghalhekk trattati l-punti kollha mressqa taht l-ewwel aggravju tal-atturi appellanti, din il-Qorti jidhrilha li l-ewwel Qorti ghamlet analizi korretta tal-fatti tal-kaz u jsegwi li ma jirrizultax li dan l-aggravju jimmerita li jintlaqa'.

It-tieni aggravju tal-atturi appellanti jitratta l-kap tal-ispejjez tal-kawza, fis-sens li jishqu li m'ghandhomx ibatu nofs l-ispejjez tal-kawza kif deciz

mill-ewwel Qorti, peress li kienu l-konvenuti appellati li qabdu u hadu l-ligi b'idejhom u ghalqu t-tieqa, minkejja li kienu jafu li l-proprjetà taghhom hija suggetta ghas-servitù in ezami.

Hawnhekk issir referenza ghall-Artikolu 223(3) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta), fejn jinsab provdut li l-Qorti tista' tordna li kull parti tbati l-ispejjez taghha, meta kull wahda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawza, meta jindahlu kwistjonijiet difficli tal-ligi, inkella ghal xi raguni tajba ohra. Inoltre gie diversi drabi ritenut li l-Qorti dejjem ghandha diskrezzjoni li tiddeciedi dwar l-ispartizzjoni tal-ispejjez skont is-sitwazzjoni tal-kaz. Hekk per ezempju din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-1 ta' Ottubru, 2004, fl-ismijiet **Costantino Muscat pro et noe v. Nazzareno Muscat et** irriteniet:

> *"Ghalkemm proceduralment ir-regola normali hija dik li l-ispejjez gudizzjarji jithallsu mill-parti sokkombenti, hemm sitwazzjonijiet li jkunu tali li jissuggerixxu spartizzjoni ta' l-ispejjez jew addirittura jkunu jimmeritaw kapovolgiment ta' din ir-regola bil-parti vincitrici ikkundannata thallas l-ispejjez hi (hekk ara Koll. Vol.XXVI-I-173 u Vol XXXIX-I342). Fi kliem iehor, il-Qorti ghandha dejjem id-diskrezzjoni finali li tiggudika hi dwar il-kap ta' l-ispejjez skont il-fattispecie u l-implikazzjonijiet legali ta' kull gudikat."*

Proprju fil-kaz in ezami l-ewwel Qorti affermat id-decizjoni taghha li l-ispejjez tal-kawza jinqasmu bin-nofs u tat ir-raguni taghha ghal din id-decizjoni taghha, fis-sens li, mhux biss minhabba n-natura tal-kaz, izda wkoll minhabba n-nuqqasijiet tal-partijiet bil-mod kif ikkomportaw

ruhhom. Fil-verità minn ezami tal-provi din il-Qorti taqbel perfettament ma dak ritenut mill-ewwel Qorti, peress li l-istess atturi appellanti wkoll ma kkomportawx ruhhom sew meta qabdu u qalghu l-persjana tal-aluminju nstallata mill-konvenuti appellati. Dan iwassal ghall-konkluzjoni li l-istess atturi appellanti, bhall-konvenuti appellati, ukoll hadu l-ligi b'idejhom, apparti li l-pretensjonijiet attrici ma ntlaqghux fis-shih, kif huma ppretendew.

Ghalhekk lanqas dan it-tieni aggravju ma jimmerita l-akkoljiment tieghu.

Ghall-istess ragunijiet appena esposti, lanqas ma jimmerita li jintlaqa' s-suggeriment tal-konvenuti appellati, meta jittrattaw it-tieni aggravju tal-atturi appellanti, li jigi ordnat li kull parti tbati l-ispejjez taghha tal-kawza; wara kollox l-istess konvenuti appellati ma ressqu ebda appell incidentali f'dan ir-rigward.

Dwar it-tielet aggravju ghandu jinghad li dan mhux aggravju veru u proprju, fis-sens li l-atturi appellanti permezz ta' dan l-aggravju qeghdin jitolbu li l-persjana tal-hadid ghandha tkun simili ghal dik li kien hemm originarjament u ghalhekk ghandha ssir skont in-numru ta' *louvres* li kellha l-istruttura tal-hadid l-antika, kif jinsab evidenzjat fir-ritratt esebit in atti. Huma jilmentaw li l-iskizz mibghut mill-konvenuti appellati lill-Perit Saliba fil-mori, wara s-sentenza appellata, ma jirriflettix dan.

Din il-Qorti tafferma li l-ewwel Qorti kienet cara fid-decizjoni taghha, meta mhux biss idderigiet lill-Perit Tekniku li jiehu konsiderazzjoni tar-ritratti esebiti biex fuqhom jidderiegi lill-konvenuti dwar kif ghandha ssir il-persjana, izda meta ordnat li titnehha l-pjanca tal-hadid, enfasizzat fid-decide wkoll, li l-persjana tal-hadid li titqieghed minflokha ghandha tkun simili ghal dik pre-ezistenti, dan kollu taht id-direzzjoni u skont l-ispecifikazzjonijiet tal-perit tekniku li ghandu jzomm mal-originali safejn jista' jikkonstata.  Gie ordnat ukoll li l-persjana ghandha tkun maqtugha l-barra mill-hajt tlett pulzieri u nofs, kif kienet dik ta' qabel.  Dan kollu jirrifletti dak mitlub mill-atturi appellanti taht it-tielet aggravju.

Ghalhekk din il-Qorti ma tista' ssib xejn xi tvarja f'dak li iddecidiet l-ewwel Qorti u issegwi li lanqas dan l-aggravju ma jista' jintlaqa'.

Jinghad ukoll li ladarba s-sentenza appellata ser tigi ikkonfermata fis-shih, issa sta ghal buon sens tal-partijiet sabiex jottempraw ruhhom mal-istess direzzjoni moghtija mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, sabiex jigu evitati kwistjonijiet ulterjuri bejn il-partijiet, u dan fl-interess li jigi installat spirtu ta' bon vicinat bejn il-girien.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell imressaq mill-atturi appellanti billi tichdu u tikkonferma s-sentenza appellata fis-

shih, b'dan illi z-zmien ta' xahar moghti lill-konvenuti appellati ghall-esekuzzjoni tas-sentenza jibda ghaddej mil-lum.

L-ispejjez tal-prim'istanza jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet, kif deciz mill-ewwel Qorti, filwaqt li dawk tal-appell ghandhom jithallsu fis-shih, mill-atturi appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df